IT-TIELET KTIEB TA' L-EWWEL SENA

SETTEMBRU 1925

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

## XFIH DAN IL-GĦADD

Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti—Il-*Bravi* fid-Dar ta' Luċija (DUN PAWL)—X'Qasma ta' Qalb! (C.M.D.)—Il-Kastell Sant'Anġlu (KAN G. M. FARRUGIA)—Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ordni (ĠUŻÈ GATT)—Il-Grammatka Maltija fiċ-ċokon (F. S. CARUANA)—Innu (G.M.A.) — Mistoqsijiet u Tweġibiet (A. C.) — Il-Kelma "Ħal" (G. V.)—Qiegħ il-Baħar (M.)—Nimxu l-Quddiem (KARMNU SANT)—It-Tilqim (S.B.)—Ġens il-Malti (R. BRIFFA)—X'kitbulna u x'weġibna—It-Tallaba (ĠUŻÈ MICALLEF GOGGI)—Kif bdiet u mxiet il-Għaqda.

[C. M. D = Nutar Karlu Micallef De Caro; G. V. = Ġanni Vassallo; S. B. = it-Tabib Salvu Borg.]

DIRETTUR G. MUSCAT-AZZOPARDI
89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIELET KTIEB TA' L-1925

# IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI.
## 1920-25

Għaddew ħames snin. U, bejn ġid magħmul lill-ħutna u għilt imqanqal għalina mill-għira u mill-mibegħda ta' dawk li ma jaħmlux il-Malti u lilna, għaddew bħal berqa. Kien f'settembru ta' l-1920, mita wieħed żagħżugħ ta' fehma tajba (is-Sur Saver Caruana) bida jsus warajja u wara l-Kittieba l-oħra tal-Malti biex nixxierku bejnietna. U, billi l-lħiħ jagħleb 'ix-xħiħ, fl-14 ta' novembru ta' dik is-sena, saret l-ewwel laqgħa, li fiha twaqqfet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* Ir-rwiefen qamu malajr għaliha u venvnu bl-aħrax, għax mhux kull-ħadd jaqbillu li l-qari malti jikber u jissaħħaħ: imm'hi għarfet tagħżel ħaddiema tajba—ħaddiema li ma jinbxux lil ħadd-ieħor, għax m'humiex nies ta' dan, iżd'inqas huma nies li jibżgħu mill-babaw ta' l-ismarġassi u mil-lablib tal-baħnani; u hekk il-Għaqda kibret, xterdet, niżżlet fl-art ħamrija ta' Malta għeruq ħoxnin u firxet il-friegħi tagħha sa lill-hinn mill-baħar, fost ħutna tal-Kajr, ta' Lixandra, ta' Tunes, ta' l-Arġiel, ta' l-Amerika, milquma u mfaħħra mill-għorrief ta' l-Italja, tal-Ġermanja, tal-Belġju, ta' Franza u ta' l-Ingilterra.

Alla magħna, għax ħsiebna safi u għamîlna meqjus tajjeb, għax ma nfittxux ħlief il-ġid ta' għajrna. U la hu Alla magħna, il-bnedmin ma jifilħux għalina.

# IL-*BRAVI* FID-DAR TA' LUĊIJA

(*Kelma b'kelma mill-"Promessi Sposi" tal-Manzoni Taqs.* VIII *għan-nofs*)

Ton, ton, ton, ton : in-nies tar-raħal jaqbżu bil-qiegħda fuq is-sodda; iż-żgħażagħ, mixħutin fil-mitben, itawlu widnejhom, iqumu bil-wieqfa — X'ġara? x'ġara? Il-qampiena ddoqq it-tokki ! Nar? ħallelin ? imtarrfin ? — Bosta min-nisa jiftħu għajnejn, jitolbu lil żwiegħhom li ma jiċċaqalqux, li jħallu jiġru lill-oħrajn : xi wħud iqumu u jmorru fit-tieqa : il-ġwejjef, bħalkieku qagħdu għat-talb, jerġgħu għal taħt il-għata : l-aktar seksieka u l-aktar irġiel jinżlu jaqbdu l-midra u l-azzarin, biex jiġru għall-ħsejjes: l-oħrajn jibqgħu jaraw.

Iżda, qabel ma dawk hejjew ruħhom, qabel ukoll ma kienu stenbħu sewwa, il-ħoss kien wasal f'widnejn oħrajn, li kienu jishru, mhux il-bogħod, fuq riġlejhom u lebsin: il-*bravi* banda, Anjeża u Perpetwa f'oħra. Ngħidu qabel, fil-qasir, x'qagħdu jagħmlu dawk, mindu ħallejniehom, biċċa fil-għorfa u biċċa fil-ħanut ta' l-ikel. Dawn it-tlieta, meta raw il-bibien ta' barra kollha magħluqa u t-triq baħħ, ħarġu bilġri, bħalkieku ntebħu li ddawru u jgħidu li jridu jfittxu jmorru d-dar għamlu dawra mar-raħal, biex jaraw sewwa jekk kienx inġabar kullħadd ; u tabilħaqq, ma ltaqgħux ma' ruħ, anqas ma semgħu l-iċken ħoss. Għaddew ukoll, qajl qajl, minn quddiem id-dwejra fqajra tagħna : l-aktar ħiemda fost kollha, għaliex ma kien hemm fiha ħadd iżjed. Marru nbagħad, bla ma jgħawġu, l-għorfa, u għarrfu b'kollox lil Grisu. Dlonk, dan qiegħed f'rasu biċċa ta' kappell daqsiex, fuq dahru mantar ta' l-inċirata, miżrugħ qxur tal-gajdri; qabad ħatar ta' pellegrin, qal: — immorru ta' rġiel: ara titnifsu, u għajnejkom fija, — mexa l-ewwel wieħed, l-oħrajn warajh ; u, f'daqqa waħda, waslu d-dwejra, minn triq biswit dik li minnha kienet tbiegħdet it-tajfa żgħira tagħna, sejra hija wkoll tilħaq biċċa dmir li kellha. Grisu waqqaf in-nies tiegħu, ftit il-bogħod, għadda l-quddiem waħdu ħalli jitkixxef, u, jilmaħ kullimkien baħħ u ħiemed barra, ġagħal jersqu tnejn minn dawk il-ħajjiena, amarhom li jaqbżu bla ħoss il-ħajt li kien jagħlaq il-bitħa, u, kif jinżlu ġewwa, li jistaħbew f'rokna, wara tina mwerrqa, li fuqha kien tafa' għajnejh fil-għodu. Hekk kif għamel dan, ħabbat qajl qajl, bil-fehma li jgħid li hu pellegrin li tilef it-triq,

li jitlob li jiskennuh sa ma jisbaħ. Hadd ma jwieġeb: jarġa' jħabbat ftit aktar bil-qawwi; anqas qiżd. Imur inbagħad isejjaħ it-tielet minn dawk il-ħalliela u qattiela, iġagħlu jinżel fil-bitħa, bħat-tnejn l-oħra, u jaqla' qajl qajl is-sokkara, biex ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu bla xkiel. Kollox isir b'għaqal kbir, u kollox jimxi ħarir. Imur isejjaħ lill-oħrajn, idaħħalhom miegħu, jibgħathom jinħbew ma' ġenb ta' l-ewwel; jersaq qajl qajl lejn il-bieb li jâti għat-triq, jonsob ħdejh żewġ għases min-naħħa ta' ġewwa; u jibqa' sejjer għall-bieb tal-għorof t'isfel. Iħabbat ukoll hemm, u jistenna: kien jista' jistenna qatigħ. Jaqla' bla l-iċken ħoss dak il-bieb ukoll: ħadd minn ġewwa ma jgħid: min hemm?; ma tinsamâx ruħ: ma tistâx tmur aħjar. Nimxu mela: — st, — isejjaħ lil dawk ta' taħt it-tina, jidħol magħhom fil-għorfa t'isfel, fejn, fil-għodu, ruħ ħażina, kien ittallab dik il-loqma ħobż. Joħroġ mill-but lixka, żnied u kubrita, jixgħel imnara żgħira li kellu, jidħol fil-għorfa l-oħra, tal-ġewwa minn dik, biex jagħmel tajjeb lilu n-nifsu li m'hemm fiha ħadd: m'hawn ħadd. Jarġa' l-ura, imur għall-bieb tat-taraġ, igħarrex, iressaq widnejh: ħadd u skiet. Iħalli żewġ għases oħra isfel, iġagħal jimxi warajh lil Grinjapoku, li kien *bravu* mill-inħawi ta' Bergamu, li hu biss kellu jhedded, isikket, jamar, f'kelma waħda, jitkellem, sabiex kliemu kien jista' jġagħal tifhem lil Anjeża li kienu mibgħutin minn hemm. B'dan ma' ġenbu, u l-oħrajn warajh, Grisu jitla' qajl qajl, jidgħi f'qalbu għal kull tarġa' li ċċaqċaq, għal kull medda ta' riġel ta' dawk il-għafsin li tagħmel ħoss. Fl-aħħar wasal fuq nett. Hawn il-libru. Jinbotta ħafif il-bieb li jâti għall-ewwel għorfa; il-bieb jerħi, jitbexxaq: iqiegħed għajnu; dlam ċappa: iqiegħed widintu, biex jisma' jekk xi ħadd hux jonħor, jieħu n-nifs, jiċċaqlaq hemm ġew; xejn. Nimxu mela: iqiegħed l-imnara quddiem wiċċu, biex jara, minngħajr ma jarawh, jiftaħ beraħ il-bieb, jilmaħ sodda; jintafa' għal fuqha: is-sodda magħmula u watja, bix-xaqliba mdawra, u mifruxa fuq l-imħaded. Jiġbed spallejh, idur fuq sħabu, jegħmiżhom li sejjer jara fil-għorfa l-oħra, u biex jiġu warajh minngħajr qiżd; jidħol; itenni jagħmel bħal qabel, isib xorta.—X'il-mniegħel?—igħid inbagħad: ewilla xi kelb lagħabna u mar kixifna? —Jaqbdu lkoll, b'inqas ħsieb, iħarsu u jgerfxu f'kull rokna, jagħqilbu d-dar ta' taħt fuq. Waqt li dawn mehdijin f'dan, it-tnejn li qegħdin jagħmlu l-għassa, fil-bieb tat-triq, jisimgħu taħbit imgħaġġel ta' riġlejn, li qiegħed joqrob bil-ħeffa; jistħajlu li, hu min hu, jibqa' għaddej; ma jittiesfux, u, għal dak li jista' jkun, iżommu ruħhom imhejjijin. U tabilħaqq, it-taħbit waqaf sewsew mal-bieb. Kien Dumînku li

kien ġej bil-ġirja, mibgħut minn patri Kristôfru biex iwissi liż-żewġ nisa ħalli, għal Alla, ifittxu jaħarbu minn ġod-dar u jmorru jinġabru ġol-kunvent, għaliex... il-għaliex tafuh. Jaqbad il-għalaq tas-sokkara, biex iħabbat, u jħossha tiċċaqlaq f'idu, imneħħija mill-imsiemer u maqlugħa.- -Hawn x'hawn?—jaħseb ġo fih ; u jitfa' l-bieb il-ġewwa bil-biża' : dak jinfetaħ. Dumînku jmidd riġlu ġewwa, jitħasseb sħiħ, u jħoss dlonk min jaħtfu minn dirgħajh, u tnejn, li minn taħt il-lsien, wieħed mill-l'ħmin u l-ieħor mix-xellug, igħidulu b'leħen ta' theddid:— iskot ! jew int mejjet. — Hu bil-maqlub iwerżaq twerżiqa ; wieħed milli ħafnuh jitfagħlu idu fuq ħalqu ; l-ieħor joħroġ sikkina daqsiex, biex ibeżżgħu. It-tifel jitriegħed qisu werqa, u anqas biss ifittex li jgħajjat ; iżda, ħin bla waqt, għalih, u b'leħen li m'għandux x'jaqsam, jinsama' dak l-ewwel tokk ta' qampiena, inbagħad xebgħa tokki wieħed wara l-ieħor. Min hu fin-naqas jaħseb ħażin, jgħid il-qawl milaniż: il-wieħed u l-ieħor dawk il-ħajjiena deherlu li qiegħed jisma' f'dawk it-tokki ismu, kunjomu u laqmu ; jitilqulu dirgħajh lil Dumînku, jiġbdu l-ura tagħhom bil-ħeffa, jiftħu idejhom u ħalqhom, iħarsu f'wiċċ xulxin, u jitilqu b'ġirja għad-dar, fejn kien hemm il-biċċa l-kbira tat-tajfa. Dumînku joħroġ jiġri mat-triq, għan-naħħa tal-kâmpnar, fejn hekk jew hekk xi ħadd kellu jkun hemm. Dawk il-friegħen l-oħra li kienu qegħdin iqallbu d-dar, minn fuq s'isfel, it-tokk waħxi kien laqathom xorta waħda: jinfixlu, jixxerrdu, jaħbtu ma' xulxin : kull wieħed ifittex l-iqsar triq biex jasal għall-bieb. U tgħid kienu kollha nies imġarrba u mdorrija turi snienha ; iżda ma setgħux iżommu bil-biża' ta' ħsara, li ma kenux jistgħu jistħajlu x'kienet sewwa, u li ma kenitx ħalliethom jarawha ftit mill-bogħod, qabel ma ġiet fuqhom. Riedet tkun is-setgħa kollha ta' Grisu biex iżommhom flimkien, hekk li jerġgħu l-ura kif ġew u ma jaħarbux. Bħall-kelb li miexi ma' merħla qżieqeż, jiġri issa l-hawn u issa l-hinn wara dawk li jixterdu; lil dak jaqbdu bi snienu minn widintu, u jiġbdu għall-merħla ; lil dan jinbuttah b'geddumu ; jinbaħ lill-ieħor li fil-waqt hiereġ mill-qabda; hekk il-pellegrin jaħfen wieħed minn dawk, li kien għoddu laħaq il-għatba, u jiġbdu l-ura ; ikeċċi l-ura bil-ħatar wieħed, tnejn li kienu sejrin għal dik in-naħħa : igħajjat lill-oħrajn li sejrin jiġru 'l hawn u 'l hinn, minngħajr ma jafu għalfejn : hekk li ġabarhom ilkoll f'nofs il-bitħa ż-żgħira. — Isaw, isaw ! il-pistoli fl-idejn, is-skieken barra, ilkoll flimkien: u nbagħad immorru: hekk għandna nitilqu. Min tridu li jmissna, jekk ningħaqdu, boloh li intom ? Imma, jekk inħalluhom jaqbduna wieħed wieħed, imqar in-nies tar-raħal,

jilagħbulna. Għajb għalikom, warajha, u flimkien. — Wara din it-teħġiġa qasira, mar qagħad fir-ras, u ħareġ l-ewwel wieħed. Id-dwejra, kif għidna, kienet f'tarf ir-raħal; Grisu qabad it-triq li kienet tieħu għal barra, u kollha tqassmu u baqgħu mixjin hekk warajh.

**Dun Pawl**

# X'QASMA TA' QALB!

Kien hemm darba xiħ li la kien jara u l-anqas jisma' iżjed, u kellu riġlejh jirtogħdu. L-imsejken, meta kien jiġi biex jiekol, kien ixerred il-minestra fuq il-mejda, u drabi wkoll tiċċallas ma' wiċċu għaliex l-imgħarfa f'idejh kienet donnha qasba fir-riħ. Il-kenna bdiet tistmerru u ibnu wkoll, u fl-aħħar ma reduhx iżjed magħhom fil-mejda u kellu jibda joqgħod f'rokna jiekol daqxejn tisjir f'iskutella: iżda darba waħda li idejh kienu jirtogħdu iktar, l-iskutella żelqitlu minn idu u saret bċejjeċ — Jommi! hemm trid tisma' x'ilsien telqet il-kenna: ix-xwejjaħ anqas biss wieġeb, għaddas rasu u demgħa feġġet fuq xfar għajnejh u tniehed tnehida! Il-għada fettxew xtraw siett tal-landa u qalulu: "Dan issa ma tfarrkux!"

Dik il-lejla iben ix-xiħ u l-kenna lemħu lil binhom mixħut fl-art, qiegħed jilgħab bil-bċejjeċ ta' l-iskutella. "X'int tagħmel hemm?" Staqsieh missieru. "Qiegħed inwaħħal il-bċejjeċ ta' l-iskutella biex meta nilħaq raġel nati 'l missieri u 'l ommi fejn jieklu!"

Il-missier u l-omm taw ħarsa lil xulxin, ma felħux iktar iżommu, infexxu jibku..... Hadu mill-ġdid 'in-nannu magħhom fuq il-mejda u minn dak il-jum il-quddiem ma żidux iktar jaħqruh.

(Il-Belt.)

**Ç. M. D.**

# IL-KASTELL SANT'ANĠLU.

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

## IL-KNISJA T'ISFEL.

Fis-sena 1090 Ruġġier, Konti Normannu, mibgħut sgur mis-Sema, wara li rebaħ u keċċa minn Sqallija s-Seraċini, ġie u keċċiehom minn Malta wkoll. Ruġġier reġa' waqqaf is-Salib, u fetaħ il-Knejjes insara.

L-ewwel żewġ Knejjes li fetaħ, kienu dik tal-Katidral, u l-oħra tal-Kastell S. Anġlu, u t-tneja iddedikahom lil-Omm t'Alla. Il-Knisja ta' Sant-Anġlu għadha qawwija u sħiħa, u r-rħama bil-kliem latin, għan-naħħa tax-xellug, tati xhieda ta' dan. Din il-Kappella hija mħaffra fil-blat, u aktarx itwal milli wiesgħa, xi 40 pied ma' 25. Għandha altar maġġur, u żewġ altari mal-ġenb, qegħdin taħt qisu qaws, jew *Archisolio*, u l-qaddisin huma pinġuti *a fresco* u huma: tal-lemin: S. Anġlu, martri Karmnitan, Sant Onofrju, u St Antnin; tax-xellug: S. Blas, Sta. Barbra u Sant'Agata. Nisthajjel jien illi Sant-Anġlu u Sant-Agata ġew imqegħdin hemm mill-familja Nava, għax Protetturi ta' Licata, belt fi Sqallija, minn fejn huma imnisslin in-Nava; Santa Barbra billi hija l-padruna tal-Bumbardieri; u San Blas, għax, kif jidher b'idu poġġuta fuq xbejba, aktarx xbieha ta' xi tfajla tal-familja, li ħelisha mill-mard tal-griżem.

Il-Gran Mastru De Redin fl-1659 żejjen din il-Kappella billi talla' l-faċċata ta' ġewwa, u ta' barra, u waqqaf pilastri ta' l-Ordni Korintju u qiegħed żewġ tavli bix-xbieha ta' S. Ġwann u S. Pawl. Li din il-Kappella hi mħaffra fil-blat, turi biċ-ċar, li hi iżjed qadima, minn żmien il-Konti Ruġġieru; u dan, biss għażilha bħala Parroċċa. Il-għaliex—jekk bħal ma jgħidu l-istoriċi, u aktarx hekk hu: il-Maltin mindu ġie San Pawl qatt ma bidlu r-reliġjon,—fejn kienu jisimgħu quddies, iqerru, jitqarbnu, jiżżewġu? Biex naqtgħu fil-qasir, dik il-Kappella, la ma hiex mibnija għaliha u fil-beraħ, turi biċ-ċar, li kienet il-lok tal-qima għal-insara maltin, fiż-żmien tal-persekuzzjoni.

Fis-sena 1409 insibu wkoll imsemmija din il-Kappella, billi r-reġina Bianca, qiegħdet bħala Kappillan tal-Kastell u l-Knisja tiegħu, lill-Kanonku Ruġġier Segona.

Fis-sena 1430 Guttiere de Nava, ha l-Kastell b'fewdu u l-familja tiegħu baqgħet iżżommu sa kemm ġie l-Ordni ta' San Ġwann.

Fis-sena 1530 il-Gżejjer tagħna, ġew mogħtija minn Karlu V lil-Ordni, u l-ewwel Gran Mastru, li kien Lisle-Adam, malli rifes fuq il-Gżira, għajnu marret fuq il-Kastell, u għażel għalih il-Palazz tan-Nava, mhux minngħajr ġlied ma' Alvarez, li kellu jċiedi għall-forza, u jħalli 'l Malta ħin bla waqt, u għal dejjem.

Il-Gran Mastru kabbar il-Palazz, u dawru bi ġnejna u bi btieħi, illi skond il-fdal li għadhom jidhru, ma kenux sbieħ bi ftit, il-għaliex sa bl-affreski u bil-mużajk kienu mżejna.

L-arma ta' l-Isle-Adam, li mwaħħla taħt tieqa tal-Palazz, li tħares ġol-ġnejna, għadha donna mnaqqxa l-bieraħ.

## IL-KNISJA TA' FUQ.

Fi żmien dan il-Gran Mastru, ġiet imwaqqfa l-Knisja fil-quċċata *taċ-Ċittadella* u d-dedikata lil Sant'Anna, illi mħabba l-għamla tagħha jistħoqqilha li tkun magħrufa ftit aħjar.

Din il-Knisja hija ikbar minn dik t'isfel, u ta' għamla im-sejħa Sikulo-Normanna. Fiha kursija u navi waħda biss, fin-naħħa tal-lemin. Iżda l-ħlewwa tagħha hi, illi l-arkati, is-saqaf, il-kursija u n-navi, huma lkoll qegħdin jistrieħu u mirfuda fuq kolonna waħda biss, li qiegħda fin-nofs. Kieku Sansun ieħor kien ifettillu jheżżeż u jwaqqa' din il-kolonna, il-Knisja kollha tiġġarraf u ssir borġ ġebel. Din il-kolonna aktarx (kif jikteb Quintino) għadha mit-Tempju ta' Melitta.

L'Isle-Adam, Del Ponte, Del Monte u La Vallette wara mewthom, ġew midfuna hawn, u żmien il-G. M. La Cassière, ġew meħuda fil-Kannierja ta' San Ġwann. Iżda l-qalb ta' L'Isle-Adam, għadha midfuna fil-qabar ta' din il-Kappella, bħal ma tixhed ir-rħama, l-iskrizzjoni u l-Arma ta' dan il-Gran Mastru.

Ma' dwar din il-Knisja, hemm xi Armi, li huma tal-familja Nava; u oħrajn, jinsabu 'l hawn u 'l hemm ma' dwar il-Kastell. Kif tħalli l-mina, u tiġi għal l-ewwel pjan, tidher Arma, aktarx hija tal-Konti Ruġġieru, iżda ftit mikula biż-żmien.

## IL-PALAZZ.

Il-Palazz li hu qiegħed fuq l-ogħla rampa ta' S. Anġlu, hu daż-żmien l-għamara tal-*King's Harbour Master*, u jħares lejn il-Punent, u minn ikun sejjer għall-belt, min-naħa ta' l-Isla, jil-

mħu sewwa. Dan il-Palazz mhux kbir wisq, iżda d-daħla (il-portiku) li għandu hu ta' għamla Sikulo-Normanna, u t-taraġ li fih huwa sabiħ tassew. Is-swali huma kbar u għolja, u fadal fihom xi tpinġija qadima, u armi tal-Kastellani. Fil-bitħa hemm fdal ta' affreski, ta' stukki, xogħol tal-bebbux, arabeski, niċeċ, arki u għejun.

EGħLUQ.

Fuq il-Kavalieri, jiġifieri s-sur li jsaltan fuq is-swar l-oħra tal-kastell, għadha tidher il-qampiena li sikwit nisimgħuha ċċempel fil-festi, u d-daqq tagħha, dejjem imlilna qalbna bil-ħlewwa. Din tfakkarna f'dawk iż-żminijiet meta bil-leħen tagħha kienet, twiddeb 'ill-Maltin, sabiex jingħalqu fi djarhom, jew jinħbew f'xi għerien, jew jinġabru fis ġewwa l-Kastell, imħabba d-dehra tal-Flotta ta' l-egħdewwa ; jew inklelê, il-leħen tagħha kien ikun ta' hena, il-għaliex tħabbar ir-rebħa fuq xi xwieni ta' l-egħdew-wa, jew xi Galjun wasal priġunier fil-port ; jew imħabba fil-ħatra, fil-miġja u l-ingress ta' xi Gran Mastru ġdid....

In-naħħa li tħares lejn id-daħla tal-Port kif tispiċċa r-ram-pa l-wiesgħa, jinsab żuntier, fejn hemm miġbura l-għadam imbierek ta' dawk li xerrdu demmhom fl-Assedju l-Kbir (1565) u ta' dawk li mietu bil-pesta. Biċċa rħama bi ftit kliem iswed imnaqqxa fuqha bil-latin, u taparsi monument tal-ħaġra tal-franka, huwa s-sinjal waħdieni, illi dawk li ġew warajhom, u wirtu l-libertà u l-barka li ħallew, marru jwaqqfu biex lilna u lid-dinja jgħidu li wkoll f'Malta kellna l-Qalbenin li ma jistħux iħabbtuha ma' dawk ta' Maratona.

Il-Kastell Sant'Anġlu, imħabba fis-sehem ewlieni li kellu fl-Istorja, il-qawwa, il-kobor, il-ġmiel tiegħu, bħala magna tal-gwerra, huwa tassew il-għira ta' kullħadd, u jistħoqqlu mhux biss ikun il-glorja u l-foħrija tagħna, iżda l-ġieħ ta' kollha kemm hi d-Dinja ċivili.

**Kan. G. M. Farrugia.**

XERRDU

« I L - M A L T I »

JEKK TĦOBBU T-TAGħLIM TA' LSIENKOM

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-ORDNI

*Lil dawk kollha li jagħmlu sehem mill-*"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", *dan iċ-ċkejken xogħol tiegħi, b'qima nâti.*

I

F'Ġunju ta' l-1770, fi żmien li kien jaħkem Malta l-Gran Mastru Pintu, ġie jagħmel żjara lil Gżiritna wieħed vjaġġatur Ingliż jismu Patrizju Brydone, u, fi ktieb li kiteb fuq l-artijiet li żar (1), isemmi fuq id-dwell li kien isir hawn Malta mill-Kavalieri, fejn igħid «li fid-dinja kollha aktarx illi d-dwell f'Malta biss kien imħolli li jsir mil-Liġi, għax, (igħid hu), billi l-Ordni ġie mwaqqaf fuq sisien ħorox u romantiċi ta' Kavallerija, il-Kavalieri jidhrilhom li jekk ma jħallux isir id-dwell, ikunu qegħdin imorru kontra s-sisien li semmejna; iżda, biex ma tantx tista' ssir ħsara, id-dwell iħalluh isir taħt dawn il-pattijiet li huma kurjużi tassew: Hadd ma jista' jiddwella ħlief fi triq waħda tal-Belt; kull min jiddwella xi mkien ieħor jaqa' taħt il-ħruxija tal-Liġi; u kull min ikun qiegħed jiddwella, ikollu jieqaf u ma jissoktax jiddwella aktar, meta ġġiegħlu mara, qassis, jew Kavalier, taħt l-aktar pieni ħorox jekk ma jobdix.

« Taħt dawn il pattijiet, f'nofs ta' Belt kbira, wieħed jista' jaħseb li, aktarx, hi ħaġa ma tistâx tkun li d-dwell f'Malta jispiċċa bit-tixrid tad-demm; iżda m'hux hekk: aħna (Brydone) mal-ħajt ta' din it-triq għaddejna mal-għoxrin salib, li dawn ġew maħżuża għal dawk il-Kavalieri li baqgħu mejta fid-dwell, billi fejn jaqa' xi ħadd mejjet fid-dwell, iħożżu salib mal-ħajt.

« Xi tliet xhur qabel (ma Brydone ġie Malta), żewġ Kavalieri kellhom xi jgħidu bejniethom fil-ħin li kienu jilagħbu l-biljard, u wieħed minnhom barra milli għajjar ħafna lil sieħbu,

(1) Brydone kiteb bl-Ingliż: iżda, billi l-Ktieb tiegħu ngħoġob ħafna, ġie maqlub u stampat bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bit-Taljan ukoll.

farfarlu daqqa ta' ħarta wkoll: iżda, wara dana kollu, meta l-imsawwat stieden għad-dwell lil-ieħor, dan ma riedx jiddwella b'għaġeb kbir ta' kullħadd; għax qabel, li Kavalier ma jilqâx stedina għad-dwell ma kienet insemgħet qatt f'Malta; u għad illi sieħbu reġa stiednu għat-tieni darba għad-dwell, dak li sawwat issokta jwebbes rasu u ma riedx jiddwella, għalkemm kellu żmien biż-żejjed biex jaħseb kemm se'r jeħel, talli ma laqâx l-istedina għad-dwell.

«Dak il-Kavalier li ma riedx jiddwella, ġie mwaħħal li jagħmel *emenda onorevoli* fil-Knisja ta' San Ġwann għal ħamsa u' għerbin jum wara xulxin, ħames snin f'ħabs mudlam (fil-Guva) u wara, jiġi mitfugħ għal għomru fil-ħabs tal-Kastell. Il-Kavalier li qala' d-daqqa ta' ħarta hu ddisonorat ukoll; billi ma kellux ix-xorti li jtaffi bid-demm ta' sieħbu l-insult li qala'».

Dan qalu Brydone, iżda mhux kollu minnu: il-Ġrajja tal-Kavalier, li weħel il-ħabs talli ma riedx jiddwella, ma hi minnha xejn, għax l-Ordni m'hux talli ma kienx iwaħħal lil min ma jilqâx l-istedin għad-dwell, iżda kien jagħmel kemm jista' biex iżomm li ma jsir ebda dwell. Dak il-Kavalier ġie mwaħħal il-ħabs, m'hux għax ma riedx jiddwella, iżda għax għajjar u ta daqqa ta ħarta lil Kavalier ieħor f'waħda mill-Bereġ: ħaġa li kienet mibgħuda ħafna minn l-Ordni, u għaliha saru Liġijiet ħorox wisq; bħal ma wieħed jista' jâra milli jgħidu l-Istatuti ta' l-Ordni.

Il-Qasma 18, imsemmija: *Delle proibizioni e delle pene*, paragrafu 29, magħmulha mill-Gran Mastru La Cassière, tgħid li meta Kavalier ikollu xi jgħid ma' Kavalier ieħor fxi Berġa u jitgħajru, jitilfu sentejn anzjanità; jekk ikollhom xi jgħidu bejniethom bl-armi jew jâtu xi daqqa ta' ħarta, jiġu mneżżgħa minn Kavalieri, u jekk joqtlu, barra milli jiġu mneżżgħa minn Kavalieri, jiġu wkoll mogħtija f'idejn il-ħaqq.

Kull min kien jiġi mneżża' minn Kavalier, skond il-Qasma 2 par. 48 ta' l-Istatuti, kien jiġi mitfugħ il-ħabs għal għomru. Iżda, billi l-Liġi li kien għamel La Cassière għal min isawwat fil-Palazz u fil-Bereġ, kienet ħarxa ż-żejjed, sitt snin wara li Brydone ġie Malta, jiġifieri fl-1776, fil-Kapitlu Ġenerali li sar minn l-Ordni, il-piena ġiet mibdula f'10 snin fil-Guva (ħabs mudlam) u 10 snin u ġurnata ħabs fil-Kastell.

Brydone żbalja wkoll fil-għadd tal-jiem, meta qal li dak il-Kavalier li sawwat ġie mwaħħal li jagħmel *emenda onorevoli* f'San Ġwann għal ħamsa u għerbin jum wara xulxin, għax

dik il-piena ta' 45 jum, ma tinsabx fl-Istatuti ta' l-Ordni. Il-piena li dak il-Kavalier seta' weħel kienet ta' *Quarantena*, (40 jum) weħidha, inkella b'*Settena* (7 ijiem) magħha, jiġifieri 47 jum, u m'hux 45. (2)

Kif kiteb Brydone, meta semma' s-setgħa li kellhom il-Kavalieri, il-qassisin u n-nisa li jistgħu jwaqqfu d-dwell, iqarraq b'dawk li ma jifhmux u jwaqqa' għaċ-ċajt il-Liġijiet ta' l-Ordni. Tassew li l-Kavalieri kellhom xi setgħa fuq il-Liġijiet tal-Kavallerija l-Qadima: li l-qassisin huma mlibbsa bi lbies qaddis, u għalhekk għandhom is-setgħa tad-dawran; u li n-nisa huma magħmula biex bit-talb tagħhom iħollu lil dak li jkun; iżda fl-Istatuti ta' l-Ordni m'hemm l-ebda Liġi li tatihom dik is-setgħa li semma' Brydone. (3)

(2) Il-piena tal-*Quarantena*, li Brydone sejħilha *emenda onorevoli*, kienet issir hekk: Kull min jeħel *Quarantena*, kien ikollu jsum għal 40 jum wara xulxin; fir-raba' u s-sitt jum, is-sawma kienet tkun ħobż u ilma u jiekol fl-art, u kien irid jidher (fir-raba' u s-sitt jum) quddiem il-qassis ta' l-Ordni, imneżża' mill-ħwejjeġ kollha u ħafi, u fil-ħin li l-qassis jâtih b'virga fuq spalltu, il-Kavalier jibda jkanta s-Salm: *Miserere mei Deus* u talb ieħor; ma kienx jista' joħroġ minn daru ħlief biex imur il-Knisja ta' San Ġwann, liebes libsa twila u bil-Mant ta' Kavalier, fejn ikollu jieħu sehem fl-Uffizzji Divini kollha li jsiru hemm u bla ma jista' jġib armi fuqu.

Il-piena tas-*Settena* kienet issir billi dak li jeħelha jkollu jsum sebat ijiem wara xulxin, u fir-raba' u s-sitt jum, imur quddiem l-artal, ineħħi l-Mant ta' Kavalier, joqgħod għar-rkubtejh quddiem il Qassis ta' l-Ordni u fil-ħin li l-Qassis jibda jâtih b'virga fuq spalltu, il-Kavalier igħid is-Salm : *Deus misereatur nostri* u talb ieħor. Inbagħad, malli l-Kavalier iqum minn għar-rkubtejh, jieħu l-Mant u jbus lill-Balliju.

Min kien jieħel *Settena* u *Quarantena* flimkien, kien jieħu l-kastig tal-*Quarantena* biss; u min kien jeħel *Settena* jew *Quarantena* għal aktar minn waħda, kien jagħmel il-kastig ta' waħda biss.

Dawn il-pieni, fil-Kapitlu Ġenerali li sar minn l-Ordni fl-1776, ġew imneħħija, u flok is-*Settena* saret il-piena ta' xahar ħabs fil-Kastell, u flok il-*Quarantena*, ta' sitt xhur.

(3) Ara Conti Borch—*Lettres sur la Sicile et l'Isle de Malthe.* Turin, 1782.

Fuq is-Slaleb li ra mal-ħajt, jista' jkun li huma tassew maħżuża għal dawk li waqgħu mejta fid-dwell: din id-drawwa għadha sal-lum li kull fejn imut xi ħadd fit-triq, iħożżu salib mal-ħajt.

Hu minnu li meta fl-1770 Brydone ġie Malta, f'bosta toroq tal-Belt kien jista' jsir id-dwell, iżda m'hux fi triq waħda biss, bħal ma qal hu. Għad li kien isir id-dwell f'xi nħawi tal-Belt, dan ma kienx imħolli li jsir mil-Liġi, bħal ma qal Brydone; biss dawk li kienu jiddwellaw fil-Belt, ma kenux jiġu magħduda bħala ħatja ta' dwell, iżda bħala ħatja li ma semgħux mill-Ħakma li ma tridx li jsir id-dwell; u għalhekk kienu jiġu mwaħħla għal ftit ħabs fil-Kastell, jew, jekk ikun xi Kavalier imqarqaċ, biex jeħilsu minnu, kien jiġi eżiljat minn Malta. Imma min kien jiddwella f'xi nħawi oħra kien jiġi mwaħħal kif titlob il-Liġi ta' l-Ordni fuq id-dwell. U dak li jkun il-ħtija tad-dwell jeħel aktar mill-Kavalier l-ieħor, li, biex ma jitlefx ġiehu, kien ikollu jilqa' l-istedina.

Il-Kavalieri kienu jiddwellaw f'dik it-triq imsemmija minn Brydone, m'hux għax dina t-triq kellha xi privileġġ, bħal ma qal hu, iżda kienu jiddwellaw fiha mħabba li kienet *triq dejqa*, u billi d-dwell irid li ħadd ma j'twarrab minn fejn ikun qiegħed waqt id-dwell, il-Kavalieri, tista' tgħid, dejjem kienu jagħżlu lilha, billi fiha kienu joqogħdu jiddwellaw b'daharhom mal-ħajt, bla ma wieħed ikun jista' jerġa' l-ura, dejjem jilqgħu d-daqqiet ta' xulxin. għax, bid-djuqija ta' dik it-triq, bix-xwabel kienu jilħqu lil xulxin sewwa.

It-triq li fiha kienu jiddwellaw il-Kavalieri, hija msemmija ħafna minn bosta kittieba li kitbu xi rumanzi ta' żmien il-Kavalieri f'Malta, u minn xi oħrajn li kitbu, minn żmien l-Ingliżi, l-hawn, fejn dawn kollha jgħidu, li t-triq li fiha kienu jiddwellaw il-Kavalieri hija STRADA STRETTA dik, fit-triq li tiġi taħt il-Berġa ta' Provenza il-lum il-*Malta Union Club*. Iżda dawn il-Kittieba żbaljaw meta qalu hekk: aktarx imqarqab illi x-xniegħa kienet ġriet li l-Kavalieri l-aktar li kienu jiddwellaw fi *triq dejqa*, u billi fil-Belt għandna triq jisimha STRADA STRETTA,—li tfisser *triq dejqa*—kien hemm xi Kittieb li dik it-*triq* li l-Kavalieri kienu jiddwellaw fiha ħadha bi STRADA STRETTA, u li nbagħad il-Kittieba ta' warajh qalu bħalu; imma dik it-*triq dejqa*, li fiha kien isir id-dwell m'hux STRADA STRETTA kienet, imma STRADA FEDERICO: triq bil-bosta idjaq minn STRADA STRETTA, għax il-Konti ta' Borch, li kiteb fl-1782, jiġifieri fi żmien li għad kien hawn l-Ordni f'Malta, igħid li l-Kavalieri kienu jiddwellaw

f'RUE STRETTA (*Triq dejqa*) li tiġi ma' ġenb il-Palazz tas-Sultan ta' l-Ordni. (4)

It-*triq dejqa,* li tiġi qrib il-Palazz, hija STRADA FEDERICO u m'hux STRADA STRETTA; għax, STRADA STRETTA, jekk wieħed iqis it-tul tagħha, m'hux talli ma tiġix fil-qrib tal-Palazz, iżda tiġi mbiegħdha minnu qatigħ.

Isaħħaħ ukoll il-kitba tal-Konti ta' Borch,—jiġifieri li t-triq li fiha kienu jiddwellaw il-Kavalieri kienet STRADA FEDERICO—dwell li sar fi STRADA FEDERICO, u li aħna sibnieh f'wieħed mill-Manuskritti tal-Bibljoteka, fejn fid-dwell li sibna u li aħna l-quddiem bi ħsiebna nġibuh, dik it-triq ma nsibuhiex imsemmija b'isimha: iżda b'laqamha: *It-triq id-dejqa ta' San Duminku*; u din it-triq (Strada Federico) kienu jgħidulha hekk ukoll, imħabba li tiġi qrib il-Knisja ta' San Duminku.

Mela, ġa la darba l-lum, f'dana l-Għadd tal-MALTI, urejna x'kien hemm tajjeb u ħażin filli kiteb Brydone fuq id-dwell fi żmien l-Ordni f'Malta u f'liema triq sewwa kienu jiddwellaw il-Kavalieri, f'Għadd ieħor inġibu l-Istorja tal-Liġijiet li kien hawn fuq id-dwell fi żmien l-Ordni, flimkien ma' xi dwellijiet li saru u li aħna sibna fit-tfittix li għamilna fil-Bibljoteka u fl-Arkivju ta' l-Ordni, biex għaqqadna dina l-Kitba fuq id-dwell.

**Ġużè Gatt**

(4) Ara CONTI BORCH—*Lettres sur la Sicile et l'Isle de Malthe.* Turin, 1782.

# TBEŻBIŻA

Lil dak il-Ħabib li stagħġeb li fl-Ortografija tagħna daħħalna il-Q (għall-Qof) flok il-K, ingħidulu li jitlob lill-ħabibu tal-Kajr biex jitkixxiflu il-għala kliem bħal Bulaq u Iraq li sa ftit ilu kienu jinkitbu (ħażin) Bulak u Irak issa—sa fit-timbri ta' l-ittri—qegħdin jinkitbu BULAQ u IRAQ—bil-Q u mhux bil-K.

**S.**

# IL-GRAMMATKA MALTIJA FIĊ-ĊOKON

*(Jissokta ma' ta' qabel).*

## IL-KONSONANTI DGĦAJFA *J* U *W*.

Il-ħoss ta' *ja* u ta' *waw*, quddiem jew wara vokali, jinkiteb bl-ittri konsonanti J u W u mhux bl-ittri vokali I u U.

Wisq huma l-provi li juruna ċar illi l-ħoss tal-*ja*, u tal-*waw*, quddiem jew wara vokali, għandu s-saħħa ta' konsonanti, u għalhekk dan il-ħoss għandhom jidhru għalih l-ittri konsonanti *j* u *w* biex jiġu magħżula għall-kollox minn l-ittri vokali *i* u *u*. Araw:

Waħda mill-vokali ma' l-ittri *j* u *w* tagħmel ħoss ta' sillaba waħda: *ja*, *wa*; *aj*, *aw*: sewwa sew kif tagħmel dik il-vokali ma' konsonanti oħra: *ba*, *ċa; ab*, *aċ:* iżda lê żewġ vokali oħra, bħal: *oa, eo*, *ae*, *ea*, li, fil-leħen, jibqgħu mifrudin waħda minn l-oħra *o-a*, *e-o*, *a-e*, *e-a*.

Illi l-ittri *j* u *w* għandhom is-saħħa ta' konsonanti, juruhomlna wkoll kliem bħal *l-imwaħħal*, *l-imjassar*. Rajna iżjed il-fuq (*) li xi kliem li jibda b'żewġ konsonanti, meta jieħu l-artiklu, iżid quddiemu *i* tal-leħen u ġa-la-darba l-kliem *mwaħħal, mjassar* ħadu l-*i* tal-leħen biex saru *l-imwaħħal*, *l-imjassar,* għandna nifhmu li l-ittri *j* u *w* huma konsonanti: kieku kienu vokali (*i* u *u*) konna ngħidu u niktbu: *il-mu-aħħal*, *il-mi-assar* bl-artikolu *il-* bħalma bl-artikolu *il-* ngħidu: *il-musmar*, *il-mislub*.

Mela, la nafu dan kollu, il-għala ma nagħżlux konsonanti minn vokali, la darba dan jista' jsir bla taħbit u bla tfixkil ta' xejn, għax tipi jinsabu fl-istamperji kollha: *j* u *w* ? La nistgħu, il-għala ma niktbux sewwa, u fl-istess ħin inħaffu l-ortografija u nagħmluha iżjed ċara billi niktbu, ngħidu aħna, *kiwja* u mhux *kiuia* li wieħed ibati biex jaqraha? *qawwu* (qaw-wu) u mhux *qauuu*)?

(*) Ara l-MALTI l-ewwel sena faċċ. 45.

Il-konsonanti *j* u *w* -- billi huma dgħajfa — ma jtennux irwieħhom fit-tiswir tal-kelma bla vokali għal kull waħda.

Għad li niktbu *mèss, fèċċ* għandna niktbu *ħáj, séw*. Hekk ukoll fin-nofs. Għad li minn *ħaddem* niktbu *ħaddmu*, minn *kejjel, newwel* għandna niktbu: *kejlu, newlu* (u mhux *kejjlu, newwlu*) biex jistgħu jinqasmu f'sillabi ta' *kej-lu, new-lu* il-għaliex il-*j* u l-*w* ma joqogħdux bla vokali magħhom. (Ara t-*Tagħrif* il-10, l-40 u l-41 Régula. faċċ. 10, 28 u 29).

## IL-PRONOMI MEHMUŻIN

Il-Pronomi mehmużin man-nomi huma *-i, -ek, -u, -ha, -na, -kom, -hom*. L-ewwel tlieta jibdew b'vokali; l-aħħar erbgħa b'konsonanti: *dari, darek, daru, darha, darna, darkom, darhom*. Fost dawn, l-iżjed li jistgħu jfixkluna huma l-*u* u l-*ha*.

Kif inhi li l-*u* (maskil) ma għandux *h* quddiemu bħall-*ha* (femminil)? Dan jidher ċar.

Iż-żjieda tal-maskil *u* (vokali), f'xi kliem, tagħmel l-istess tibdil li jagħmlu l-*i* (vokali) u l-*ek* (li tibda b-vokali), waqt li ż-żjieda tal-*ha* (li tibda b'konsonanti) tagħmel bħal ma jagħmlu sħabha *-na, -kom, -hom* (li jibdew b'konsonanti).

Araw: Il-particella *tagħ* (ta') biż-żjieda tal-pronomi tagħme

| | |
|---|---|
| tIEgħ-i<br>tIEgħ-ek<br>tIEgħ-u | tAgħ-ha (li tinħass *taħħa*)<br>tAgħ-na<br>tAgħ-kom<br>tAgħ-hom (li tinħass *taħħom*) |

Iżjed, il-konsonanti *għ* u *h* meta jiltaqgħu flimkien jinħassu *ħħ* (*) għalhekk kieku l-pronom *u* kellu *h* quddiemu (*tagħ-hu*), il-kelma kienet tinħass *taħħu* bħal ma *tagħ-ha* tinħass *taħħa*.

Għalhekk niftakru li għandna niktbu sewwa

missieru — missierha
sebgħu — sebagħha

L-istess il-verb. Semagħ (S-M-Għ) jagħmel *semgħu, semagħha, semagħhom*. (Ara t-*Tagħrif* faċċata 94. T. ċ).

*

Il-Pronomi mehmużin mal-verb huma: *-ni*, — *-k* jew *-ek* jew *ok*, — *-u* jew *-h* (iżda lê *-hu*) — *-ha*, — *-na*, — *-kom*, — *hom*.

(*) Ara l-MALTI faċċata 44.

Il-verb *ta*, (*) — li ma jispiċċax bil-*għ* bħall-partiċella *tagħ*—jagħmel *tani*, *tak*, *tah*, *taha*, *tana*, *takom*, *tahom*. [Qabbel *tana* (ta lilna) ma' *tagħna*, *takom* (ta lilhom) ma' *tagħkom*].

Il-pronomi mehmużin jistgħu jiżdiedu ma' kull sura tal-verb: *jati-ni*, *jati-k*, *jati-h* etc., *jatu-ni*, *jutu-k*, *jatu-h* etc.

Il-pronom mehmuż tat-tielet persuna, maskil, singular hu *-u* (kiel-*u*) jew *-h* (ta-*h*) iżda mhux *hu* (bħal ma rajna l-fuq) biss isir *-hu* meta wrajh ikollu mehmuża l-preposizzjoni *l* (lil). Dan jixhduh kliem bħal: *tamagħ* (T-M-Għ) li jagħmel *tamagħ*hu*lu* (u għalhekk jinħass tama*ħħ*ulu) *ta* li jagħmel *ta*hu*lu* (ta-hu-lu) u għalhekk *kiser* għandu jagħmel *kiser*hu*lu*

*ħammeġ* ,, ,, *ħammeġ*hu*lu*.

(Ara t-*Tagħrif* faċċ. 100—Għadd 69).

Niftakru wkoll li dal-pronom mehmuż hu *h* u mhux *ħ* għad li fl-aħħar tal-kelma jinħass hekk: *tah*, *ħaduh*, *qatluh*.

## IT-*TE* MARBUTA

Ħafna kliem li minn għalina jispiċċa bil-vokali *a*, insibuh li jispiċċa bil-konsonanti *t*, għad li din mhux fit-tiswir kollu tal-kelma tinħass u tinkiteb.

Din igħidulha *He-Te* jew *Te marbuta*, *Eż*: *Alla*, *werqa*, *kelma*.

Din it-*te* tinħass u tinkiteb quddiem il-pronomi mehmużin (*kelmti*), u fl-aħħar tal-kelma quddiem isem ieħor (*kelmet is-sultan*). (Ara t-*Tagħrif* faċċata 69).

Fost il-kliem tal-għadd, il-kelmiet mit-*tlieta* sal-*għaxra* jispiċċaw bit-*t* marbuta.

Għalhekk ħażin jagħmel min jikteb *ħames titfal* jew *ħames ti tfal*; għandu jikteb *ħamest itfal* bit-*t* marbuta mal-*ħames*, għax biċċa minnha, u bl-*i* fil-bidu ta' *tfal* għax vokali tal-leħen.

*Tlieta* u *tmienja* jsiru *tlitt*, *tmint* (itfal)—l-*ie* issir *i* għax b'aċċent sħiħ.

*Erbgħa*, *sebgħa*, *disgħa* jsiru *erbat*, *sebat*, *disat* (itfal)—bil-*għ* mixruba.

*Sitta* ssir *sitt* (itfal)—flok *sittt*. (Ara t-*Tagħrif* faċċ. 84).

[Il-kelma *il* li tidher wara kliem il-għadd mill-*ħdax* sad-*dsatâx* ma hix l-artjkolu *il-*, iżda biċċa mill-istess kelma tal-għadd. M'għandekx tikteb *dsatax il-xiber* iżda *dsatax-il xiber*. Dan jidher ċar: għax kieku dik l-*il* kienet l-artikolu kienet tinħass *dsatax ix-xiber*. (Ara t-*Tagħrif* faċċ 87 T. ċ.)] (tissokta)

(*) Il-verb *ta* hu sura mqassra ta' għăta (*j*) = Għ-T-J.

# INNU (*)

Sliem għalik, Rażûl tal-Gżejjer
mis-Smewwiet dlonk imberkin,
hawn, fuq qabrek, bl-akbar qima
għar-rkobbtejna mixħutin,
naħalfulek li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

Aħna wlied Pawlu l-Imqaddes,
u ġejjin mill-bgħid bil-ħrara
li ġieh nâtu ta' l-Insara
lill-Mulej, quddiem kull-ħadd.
Naħalfulu li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

Aħna ngħammru Gżira ċkejkna
qalb il-mewġ mill-qerq miftuma,
fejn minn xħin Pietru ġie Ruma
Dîn Ġesù ma nċaħad qatt.
Naħalfulu li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

Sliem għalik, Rażûl tal-Gżejjer
mis-Smewwiet dlonk imberkin,
hawn, fuq qabrek, bl-akbar qima
għar-rkobbtejna mixħutin,
naħalfulek li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

G. M. A.

(*) Dan l-Innu ġie miktub għall-mawra tal-Għawdxin f'Ruma u mmużikat mis-surmast Ġużè Caruana biex jitkanta mill-pellegrini. Il-mużika tiegħu ingħoġbot ħafna u l-organista ta' San Pawl Barra (Ruma) daqqulhom fuq l-orgni famuż tal-Bażilka u akkompanjahom. Għoġbu tant li talab kopja biex iżommha b'tifkira.

# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

*G. M.* (IL-BELT) Il-plural ta' *xogħol* huwa *xgħôl* jew aħjar *xgħâl* wieħed, u *xgħolijiet* jew aħjar *xgħalijiet* l-ieħor: it-tnejn *plurali indeterminati* jew *ta' bla għadd.* (Ara. *Lexicon* M. A. Vassalli pag: 647). Dawn is-suriet ta' plurali jimxu fuq oħrajn ta' għamla waħda fiż-żewġ plurali. eż: minn: *tarf* nagħmlu *truf*, inbagħad *trufijiet.* Hekk ukoll minn: *seħer, deheb, għaġeb* sata' kellna l-plurali tagħhom (*ipotetici*) ewlenin: *sħâr, dhub, għġub* li minnhom, biż-żjieda ta' *ijiet*, bnejna *sħarijiet, dhubijiet* jew *dhebijiet, għġubijiet.*

Għalhekk fuq is-suriet ta': *dhebijiet,* (*e*) *għġubijiet,* b'żewġ kons: wara xulxin, fil-bidu tal-kelma, imissna niktbu għar-reqqa: *xgħolijiet* u mhux *xogħlijiet.*

Id-drawwa tagħna u tal-Kittieba kollha tal-Malti li bqajna niktbu *xogħlijiet* flok *xgħolijiet,* iktarx hi meħuda minn fuq kliem ieħor li fihom iż-żjieda f'tarf il-kelma ta' sillaba li tibda b' vokali twaqqa' fl-istess kelma t-tieni vokali ta' bla aċċent. U għalhekk dejjem ħsibna li minn *xogħol* għandu jitnissel il-plural: *xogħlijiet* (Ara t-*Tagħrif fuq il-kitba Maltija* pag: 21). Imma *xgħolijiet* hi, biex ngħid hekk, it-tieni plural ta' *xgħôl* jew *xgħâl* minn *xogħol,* bħalma *klimijiet* hija sura oħra ta' plural meħuda minn: *Kliem* u mhux minn *Kelma* li nbagħad għandha l-plural tagħha *determinat* jew *magħdud:* KELMIET.

A. C.

# IL-KELMA "ĦAL"

Il-kelma *ħâl* ta' ma' l-ismijiet tar-rħula bħal Ħal-Balzan, Ħal Tarxien, Ħal Luqa, Ħal Safi, Ħal Għaxaq xi ħadd basarha bħala mqassra mill-kelma *râħal.* Hemm fil-Għarbi l-kelma *mħâl* li tfisser *post, lok,* ħierġa mill-kelma *ħâl* (*stat*) li nsibu fil-kelma. maltija *bħâl* (*fil-ħâl ta'*) u fil-Għarbi *xħâlek* (bil-Malti *x'aħbarek*)

Issa jien bejn *râħal* u *mħâl* aktar nagħżel din ta' l-aħħar bħala kelma li għandha x'taqsam mal-kelma mqassra *ħâl*; għax aktar hu ħafif li tgħib mill-kelma taqsima ħielsa minn l-aċċent, milli taqsima mgħobbija bl-aċċent. Tarġa' bħal *mħâl,* fil-Għarbi hemm ukoll *mta'* (mtâgħ). Bħalma *mta',* fil-Malti, tilfet l-ittra *m* u saret *ta'*, hekk ukoll, ngħid jien, jista' jkun li *mħâl* għall-Malti tilfet l-ittra *m* u saret *ħâl.* Hekk *Ħal Balzan, Ħal Luqa* jiġu qishom mita ngħidu *il-post ta' Balzan, il-post ta' Luqa.*

G. V.

# QIEGĦ IL-BAĦAR

Dan hu suġġett li jiġbed u jħajjar, iżda fit-tfittix tal-lum ta' suġġetti tal-pittura, ftit huma dawk li jfittxuh. Madankollu, il-baħar għandu l-pajjiżi tiegħu, l-iġbla tiegħu, is-siġar, il-widien u x-xagħriet tiegħu li jħajru u li jisthoqqilhom minn jistagħġeb bihom mhux inqas minn dawk ta' l-art.

Il-*flora* (ħxejjex) u l-*fawna* (bhejjem) tal-baħar,—u l-iżjed din ta' l-aħħar—huma l-akar għônja. Il-baħar, li nebbah bosta poëti u bosta artisti, barra l-baħrin, għandu l-biġġiela u l-kixxiefa tiegħu. Kif jidher, dari tkixxif il-baħar ma kienx isir ħlief bit-tagħdis, li mħabba d-dewmien qasir tiegħu ma kienx iħalli li ssir tkixxifa sħiħa u għalhekk din ma kinetx tkun biżżejjed biex tati ħjiel tajjeb ta' qigħân il-baħar li jwaħħxu għallkobor u l-għamla tagħhom.

Kif kull sengħa għandha ħrafitha, hekk ukoll is-sengħa jiebsa u ħarxa tal-bugħaddasa għandha tagħha. Fi Sqallija għadhom sal-lum jiftakru l-ġrajja ta' Nikola—imlaqqam il-ħuta—għawwiem qlubi, li kien, kif igħidu, jista' jdum f'qiegħ il-baħar imqâr erba' jew ħamest ijiem sħaħ, u hemm igħix bil-ħut biss.—Il-ħrafa iżda ma tgħidx kif kien jagħmel biex jaqbad dan il-ħut. — Immela, fuq din il-ħrafa Federiku, sultan ta' Sqallija, billi kien sama' b'din il-ħila tal-għaġeb ta' Nikola, stiednu fuq il-fliegu ta' Messina, bejn Xilla u Kariddi, u hemm xeħet kies (tazza) tad-deheb fil-baħar, fil-waqt li ġagħlu jinżel iġibu. Is-Sultan u l-ġemgħa tan-nies bid-dehwa stennew għal aktar minn tliet kwarti ta' siegħa u ġa kienu bdew jaqtgħu jieshom li jaraw tiela l-qalbieni raġel, mita fid-daqqa u l-ħin jidher Nikola f'nofs il-mewġ iżomm f'idu l-kies tas-Sultan. Is-sajjied tarfilhom bi ħwejjeġ tal-biża' fuq it-tiġrif li miegħu ltaqa', u fuq is-sarâr li kellu ma' *pjovre*, mat-tgħargħir ta'l-ilma, mal-ħut u mad-dbejjeb tal-għaġeb; iżda s-sultan kiefer waddab il-baħar kies ieħor wisq isbaħ minn ta' qabel u stieden mill-ġdid lill-qalbieni baħri biex jistadu. Qagħad il-baħri ftit bejn ħaltejn u nbagħad twaddab f'qiegħ il-baħar mnejn qatt iżjed ma tala'. Din hija l-ħrafa.

Il-lum il-bugħaddas jista' minngħajr tiġrif kbir, bit-thejjija tal-għodda ta' żmien'na, bis-sniedaq bl-arja għan-nifs u bi ħwejjeġ oħra bħal dawn, jissogra jinżel fil-belligħat tal-baħar, iżda sa qiegħ imtarraf li, bejn wieħed u ieħor, ma jisboqx l-erbgħin mitru (madwar dsatax-il qasba u nofs).

L-ewwel ħass wara t-tagħdisa xejn mhu milqugħ bil-qalb; uġigħ fil-għaksiet, tagħkis fil-ġisem, tidwir tar-ras u żanżin fil-widnejn iwennsu l-bugħaddasa li jkunu għadhom mhumiex im-ħarrġin f'dis-sengħa. Jekk il-bugħaddas iġib xi dawl, geġwieġa ħut tirtass ma' dwaru kemm-kemm ma jżommulux li jgħaddi l-quddiem. Iżda b'inkejja ta' dan it-tfixkil kollu, saru u għad-hom isiru, iktarx b'sengħa ikbar, sajdiet kbar ta' ħwejjeġ ta' siwi u ta' sbuħija liema bħalha, mitlufin minn bastimenti mgħar-rqin, kif ukoll it-tlugħ mill-ġdid ta' bastimenti mgħarrqa.

It-tkixxif tal-belligħat (qigħan) tal-baħar—bla ma tgħodd dak biex jistadu ħwejjeġ ta' siwi, li għalih saru u tħejjew għaqdiet ta' aktar minn lewn wieħed—ħajjret xi ftit min-nies: ngliżi, svizzeri, franċiżi u oħrajn li joħolqu xi xirkiet għal kull ma jinħtieġ għal dan ix-xogħol. Fosthom jixraq li tissemma' dik li ġiet mitmuma mill-prinċep ta' Monaco bil-*yacht* tiegħu "*Princess Alice*". Il-frott li ġieb dan ix-xogħol kien tal-għaġeb. Mill-qigħan bla ma jiltaħqu, fejn, imħabba r-rassa bla tarf kont taħseb li ebda maħluq ma jista' jgħix, ġibdu, bil-għajnuna ta' trombi, kotra bla qies u ta' kull-lewn u sura ta' bhejjem u siġar, dawk mgħammrin b'kull taqsim meħtieġ għall-ħajja u b'għajnejn il-kobor tagħhom, li xejn ma jaqblu mal-bqija ta' ġisimhom. Dan juri kemm hu nieqes id-dawl, f'dawk il-qigħan hekk fondi.

Kif jinsab il-ħut ħaddiel li għandu l-*eletricità* hekk ukoll issib ħut li jarmi d-dawl, jew aktarx li jġorru miegħu. Il-*Halo-saurus Macrochir* bħallikieku mistad ħdejn il-gżejjer il-Koħol (Isole Azzurre) minn qiegħ ta' iżjed minn 1,400 pied, jâti dawl daqs musbieħ imdaqqas. Hu mlibbes b'64 qoxra *prismatiċi* li kull waħda minnhom donnha musbieħ ċkejken li jifrex id-dawl madwaru. Ħut ieħor għandu rasu tiddi u tistħajlu mlibbes b'raġġiera. Id-dwal ta' dawn il-ħlejjaq barranin huma minn kull lewn: ħomor, ħodor, koħol sofor eċċ. kif ukoll minn kull lewn huma l-kxur tagħhom.

Fost il-ħut li jgħix f'dan il-qiegħ bla qies, minn 3,000 sal-4,000 mitru, jixraq insemmu lill-*Melanocetus Joubsoni* li f'tarf ħalqu għandu bħala sunnara li fiha jibqgħu mwaħħla dawk il-ħwejtiet li bla ħsieb igħaddu, waqt li din il-ħuta tkun moħbija fil-ħama. Oħrajn flok sunnara għandhom bħal ħaġa—issa qiegħda fuq ir-ras, issa fuq id-dahar—li biha jaħfnu dak li jħossu jew imissu. Dawn l-annimali barranin malli tneħħihom minn l-ilma, titbiddel surithom, u dlonk l-*organi* tagħhom jirtassu u jitilfu qawwithom.

L-ifnad qigħan tal-baħar s'issa magħrufa: fil-Mediterran jilħqu sal-4,800 mitru, fl-Atlantiku sas-7,000 u fil-Paċifiku sat-8,513! F'dan il-fond kollu jinsabu mhux biss ħlejjaq ħajjin, iżda tinsab ukoll *flora* li mhix nieqsa mill-kburija, imsawra iżda minn xtieli nofs ħajjin, hekk li donnha torbot ma' xulxin is-saltna tal-ħxejjex ma' dik tal-bhejjem; il-biċċa l-kbira tagħhom tmiss lill-qatgħa tal-qroll.

Fl-aħħar nett qiegħ il-baħar iqiegħdilna quddiem għajnejna bixriet ta' ħwejjeġ bil-bosta kbar li jixirqilhom jiġu magħrufin u mfaħħrin, u jekk—kif ġie mfisser minn Vern fil-ktieb tiegħu *20,000 leghe sotto il mare*—biż-żmien u bix-*xjenza* għad jitkompla l-vjaġġ tan-*Nautilus*, nibqgħu mistagħġbin u milqutin għaddehra ta' din id-dinja li sal-lum għadha għalina, tista' tgħid, bla magħrufa.

M.

# NIMXU L-QUDDIEM.

Il-lsien Malti bil-għajnuna ta' ħafna mill-kittieba u l-iktar bil-ħeġġa u l-ħrara tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" sejjer ġmielu bir-riħ fil-qala'. Tassew li darba-fil, isib xi żiffa tmewweġ għannaħħa ta' fejn hu sejjer, iżda l-qawwa, il-ħerqa ta' ħafna, qiegħda tagħleb din in-nitfa ta' żiffa.

U dan ma jistâx jonqos għax hu s-sewwa u mas-sewwa ta' xejn jitqanżaħ l-imgħawweġ. Ilsienna, xejn m'hu kif ixebbhuh xi wħud ħorrox borrox, li jgħidu li da l-Ilsien hu tilqita; dan tafu l-għala? għax qatt ma flewh kif imisshom u l-iktar għax hawn Malta f'kollox idaħħlu l-pulitka.

Egħżież kittieba tal-Malti, biex nuru li aħna nweġġħu lilna nfusna bħala Maltin, inqisu li ngħollu sa fejn nistgħu l-ilsien tagħna l-Malti, għax bih u bih biss ningħarfu li aħna Maltin, u minnflok ma nitqanżħu biex f'mitt kelma ndaħħlu 90 barranin, niktbu dejjem MALTI, sew jekk jidhrilna li hu sabiħ, kif ukoll jekk jidhrilna li mhux.

Jien nixtieq bil-qalb, li: "IL-MALTI" li ħarġet il-Għaqda, isib il-għajnuna, biex ilsien'na jimxi dejjem il-quddiem, kif jistħoqqlu.

Karmnu Sant

# IT-TILQIM

Il-mard tal-ġidri kien dari jkexkex lil missirijietna, għaliex kull mita kien jitfaċċa kien jeqred eluf ta' żgħażagħ, u jħassar u jimmarka bosta wċuh ta' ġuvintur u ta' xebbiet. Kull imxija kienet tħalli wrajha għomja, torox u nies maħnuqa u dan barra mill-mard ikrah u twil fil-pulmuni, fil-għadam u fin-nervi. Għaldaqshekk tistgħu taħsbu kemm xtaqu t-tobba ta' kull żmien illi jeqerdu din il-marda jew għall-inqas itaffu l-ħruxija tagħha.

Minn żmien kien ilhom jafu illi minn jimrad darba bil-ġidri ma jirkebx malajr din il-marda għat-tieni darba; għaldaqshekk fl-Ingilterra waqt l-imxija tas-sekolu sbatax ipprovaw ilaqqmu bl-istess marċa tal-ġidri lin-nies b'saħħithom. Dana għamluh għaliex raw illi bosta infermieri illi kienu tniġġsu f'subajhom waqt li kienu jduru bil-morda, mardu b'ġidri ħafif illi wara salvahom mill-imxija. Iżda dana t-tilqim ma damx wisq ma ġie mħolli għal kollox, għaliex ittendew illi l-marda tat-tilqima kienet tittieħed daqs il-marda vera u għaldaqshekk għalkemm kienet teħles lil ftit li kienu jiġu mlaqqma kienet fl-istess ħin qiegħda tiswa biex ixxerred u tkabbar iżjed l-imxija.

Fl-1796, Jenner qagħad jifli sewwa dak li kien jingħad u jitwemmen mir-raħħala u mill-ħaddiema tar-rziezet u tal-fabbriki tal-butir fuq il-ġidri tal-baqar u taż-żwiemel, u sab illi sewwa kienu jgħidu illi min jitniġġes bil ġidri tal-baqra ma kienx jirkeb iżjed il-ġidri veru. Iżjed, it-tkixxif li għamel dan it-tabib wera illi min kien jitlaqqam bil-"*vaċċin*" jew ġidri tal-baqra, m'hux talli ma kienx jirkeb il-ġidri tal-bniedem "*varjola*" mita jersaq lejh u jdur bih fil-mard, iżda l-anqas ma kien jimrad mita ippruvaw iċappsuh għal ta' l-apposta. Din kienet kixfa kbira illi xegħlet l-Ewropa kollha bil-qawwa illi tâti t-tilqima bil-*vaċċin* illi barra mill-qawwa illi l-bniedem jakkwista kif diġa għedna, ma tista' ġġib l-ebda ħsara jew ixxerred il-marda kif tagħmel it-tilqima bil-"*varjola*" jew ġidri tal-bniedem.

Il-qawwa illi tâti t-tilqima tissejjaħ "Ħlusija" (*immunità*) u tiswa għall-inqas għal seba' snin. Xi nies għandhom il-ħlusija kontra l-ġidri minngħajr ma jkunu tlaqqmu xejn. Din igħidulha "ħlusija minnha nfisha" (*immunità naturale*). Fuq dawn in-nies it-tilqim ma jaqbadx u dawn in-nies ma jimirdux bil-ġidri. F' oħrajn, il-ħlusija ma tkunx "għal kollox" iżda mita dawn in-nies jimirdu, il-marda tkun tant ħafifa illi

l-marid wisq drabi jibqa' fuq riġlejh u ma jurix ħlief ftit ponot imxerrda 'l hinn u 'l hawn ma' ġismu. Haġa tassew kurjuża, din il-ħlusija, tant fil-baqra kemm fil-bniedem. Araw: It-tilqim tal-baqra bil-*varjola* (ġidri tal-bniedem) tâti lill-baqra ħlusija mhux biss kontra l-*varjola* imma wkoll kontra l-istess *vaċċin* (ġidri tal-baqra); fl-îstess ħin it-tilqim fil-bniedem bil-*vaċċin* tâtih l-istess ħlusija sew kontra l-*vaċċin* kemm ukoll kontra l-*varjola*.

Ma hemmx bżonn ngħidilkom illi minn Jenner 'il haun sâr studju kbir wisq tant fuq in-natura tal-marda tal-ġidri kemm ukoll fuq din il-ħlusija illi jâti t-tilqim, iżda l-wisa' ta' dal-ktieb ma jħallinix nidħol f' irqaqat bħal dawn għaldaqshekk feħsiebni ngħid kelmtejn kif għandu jsir il-lum it-tilqim, u nispiċċa biex nuri lil dawk illi jibżgħu mit-tilqim b'liema reqqa l-lum isir il-"*vaċċin*" u kemm ma għandhomx raġun jibżgħu minnu.

It-tilqima għandha ssir kif sejrin ingħidu. Wara li tiġi mnaddfa tajjeb il-ġilda tal-koxxa jew tad-driegħ fuq in-naħħa ta' barra u fil-biċċa ta' fuq b'tajjara bl-ispirtu u xxuttata tajjeb b'tajjara nadifa, min ilaqqam iqattar żewġ taqtiriet *vaċċin* madwar purzier bogħod minn xulxin, inbagħad bil-ponta ta' labra tal-ħjata maħruqa fuq lampa għandu jobrox żewġ linji dritti twal kwart ta' purzier waħda fuq kull taqtira bla ma jħalli, jekk jista' jkun, illi d-demm joħroġ. Barra minn dawn il-linji għandu jagħmel żewġ tingiżiet żgħar waħda ma' ġenb kull linja fuq xifer it-taqtira. Inbagħad bil-lixx tal-labra għandu jħokk il-*vaċċin* ġewwa x-xquq u t-tingiżiet illi jkun għamel u jħallihom jixxuttaw weħidhom. B'hekk, wara erbgħa u għoxrin siegħa—jekk wieħed ikun diġa tlaqqam darba f'għomru u jkun fadallu l-ħlusija—jitfaċċa ċirku jew tberfila ħamra ma' dwar il-linja u madwar it-tingiża fejn jidher aktar ċar. Jekk ma jkunx fadallu ħlusija ma jitfaċċa xejn kabel tlitt ijiem u mar-raba' jum tfeġġ il-bużżieqa tat-tilqima illi ġġib ftit tad-deni fit-tlitt ijiem tal-mili tagħha u tâti l-ħlusija bla ma tagħmel ebda ħsara.

Il-lum min jitlaqqam ma għandu l-ebda biża' ta' mard li dari kien jista' jiġri mit-tilqim għaliex il-*vaċċin* tal-lum hu safi minn kull tinġisa u ma jittieħedx iżjed minn bniedem għall-ieħor bħalma kienu jagħmlu tletin sena ilu. Il-lum il-*vaċċin* jiġi maħdum b'reqqa kbira fi stabilimenti għal t'apposta fejn jinżammu baqar b'saħħithom miżmuma b'ikel minn l-aħjar u f'arja l-iżjed nadifa. Il-maqjel li fih jinżammu dawn il-baqar jiġi mibni b'se-

ngħa kbira, drenaġġjat u vventulat u miżmum sħun, bil-fwar tal-misħun fit-tubi tal-ħadid. Il-qiegħa tal-maqjel tinqala' biex tista' tiġi mnaddfa u ddisinfettata kull jum. Is-sodda tat-tiben tal-qamħ ir-rum tiġġedded kull jum u tiġi moħmija qabel ma tkun mifruxa. Il-baqar jiġu mnaddfa tajjeb u wara illi jkunu eżaminati bosta drabi minn tobba speċjalisti ; jinbeda għal tlitt ijiem sħaħ it-tindif tas-sider tal-baqra u mita jkun nadif għal kollox, il-baqra tiġi mlaqqma bil-*varjola* "metodu Tedesk" jew bil-*vaċċin* "metodu Svizzeru". Wara tlitt ijiem sider il-baqra jintela' bil-bżieżaq illi wara tlitt ijiem oħra jintlew bil-marċa.

Ma' tul il-marda kollha, sider il-baqra jinżamm mgħotti ġewwa boros tal-gomma lastika jew ta' l-inċirata rqiqa midluka bil-vasellina antisettika. Dawn il-boros jiġu miftuħa mit-tobba speċjalisti fi kmamar imhejjija għalhekk fejn il-baqra tiġi mraqqda bil-*chloroform* fuq sodod tal-metal u fuq friex tal-għażel bla ebda tinġisa. Il-marċa u l-polpa tal-bżieżaq tiġi miġbura fi fliexken tal-kristall diġa' moħmija għalhekk u hekk isir il-*vaċċin* illi jiġi mħallat mal-gliċerina u mqassam f' tubi żgħar għattilqim tal-bniedem. Kull baqra wara li jeħdulha l-*vaċċin* tiġi maqtula u jsir fuqha l-isbarr sabiex ma jkunx hemm l-ebda biża' ta' mard illi jista jittieħed mill-bniedem.

Milli għedna jidher biċ-ċar illi l-*vaċċin* tal-lum ma fih l-ebda biża' ta' tinġis b'mard ikrah illi dari kien ibażża' lill-bniedem, mard tat-*tétanu*, *tar-rsipla*, *tal-morva* u mard ieħor illi ma hemmx għalfejn noqgħod insemmih. Il-marda illi ġġib it-tilqima ma fiha l-ebda biża'. Għaldaqshekk jidhrilna illi jaqbel wisq li wieħed ikun imlaqqam għaliex jista' joqgħod bi kwietu illi ma jirkebx il-ġidri. Waqt l-imxijiet, il-bżonn illi wieħed jitlaqqam jinħass wisq aktar, għaliex barra milli jkun qiegħed jarma ruħu kontra l-mard, ikun fl-istess ħin qiegħed igħin lill-pajjiżu biex jeħles mill-imxija li tbiegħed wisq passiġġieri u ttellef wisq flus lill-pajjiż. Fl-Ingilterra fejn il-liġi tat-tilqim m'hix ta' bil-fors għal kollox bħal ma hi f'Malta hemm dan il-mument il-ġidri bħal ma kellna l-ġidri f'Malta. Fl-Ingilterra f'belt waħda illi għandha popolazzjoni wisq iżgħar minn ta' Malta, fl-ewwel ġimagħtejn ta' l-imxija kellhom 500 każ tal-ġidri, fil-waqt illi f'Malta f'ħames xhur ma kelniex żewġ tużżani ! Tafu xejn dan għaliex ġara ? Il-għaliex il-għadd tan-nies m'hix imlaqqma fl-Ingilterra huwa bil-bosta akbar minn dak ta' Malta. Dan jidhrilna li juri biż-żejjed x'ifisser it-tilqim.

S. B.

# ĠENS IL-MALTI

*Lill-Prof. T. Zammit,*
*għal kull ma għamel għal Ġensna.*

Trid taf mnejn ġejja l-ħila fix-xogħ'l jiebes,
Ix-xeħt' għaqlija, l-għerf fi lsien barrani,
Mnejn ġejja l-ġibda lejn allat pajjiżek
U mħabbet darek?

Kollox minn ġensek: ġens li jaf elf ġrajja
U kien ewlieni fost il-ġnus bikrin,
Ġens illi bennen għerf u ġieħ l-Ewropa
Fis-snin minsija.

Ħares ma' dwarek, żur imqades Malta,
Ifli t-tnaqqixa fuq il-Ħaġar Kbir,
Stagħġeb bi ġmielhom, isma' lill-barrani
Jgħid li mkien bħalhom;

Inżel fil-qbura li ħallew fil-Qedem;
Fittex l-għamara mal-mejtin midfuna,
Tgħallem għamilha u ssib li l-lum ħadd bħalha
Ma jaf ifassal.

U jekk trid taf min kellu da l-għerf kollu
U min di l-ħajra kellu għas-Sabiħ,
Min għaraf jibni dak li ż-Żmien ma waqqa'
F'tas-snin il-ħarba,

Ħa' ngħidlek jiena min, għax bżonn titgħallem
Għandek bil-bosta ħalli tqajjem rixek:
Dan xogħ'l il-Malti fl-ibgħad snin mitlufa
Fi Żmien il-Ħaġar.

Għax il-ġens tiegħek dejjem ġens ta' ħila,
Ġens iħobb Dinu, moħħu biss fix-xogħ'l,
B'ħeffa jitgħallem, jirkeb lill-barrani,
Ġens qatt irsir.

Ħija ġo qalbek għożżha dit-tagħlima,
Li n-nies Maltija ġens mil l-ewwel nett
U qatt ma tista' ġġerraħ rix ħaddieħor
Għax għandha tagħha.

1925 **R. Briffa.**

# X'KITBULNA U X'WEĠIBNA

Istituto Biblico
Ruma 29 ta' Marzu 1925.

Wisq għażiż tiegħi Sinjur,

Nizzi ħajr lill "*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*" li għoġobha tibgħatli l-ktieb tagħha t-"*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*" u lilek li bi tjubija liema bħalha staqsejtni bic-câr il-fehma tiegħi. Xtaqt ħafna li jiena nwieġeb malajr u tajjeb għal l-imġiba ta' ħlewwa li wrejtu miegħi u għal dak li kontu tistennew minni. Għalhekk minnufih qbadt naqra u nifli l-ktieb tagħkom. Imma sa biex niflih b'dik id-dehwa li jistħoqq u natikom fuqu fehma li tixraq għax-xogħol li fih, nistqarrulek li l-ewwelnett ma kellix żmien biż-żejjed, it-tieni, il-lsien Malti ma nafux biżżejjed daqs kemm naf il-lsien u d-djaletti l-oħra tal-Għarbi. Hi kifinhi, il-lum sejjer nagħmel id-dmir tiegħi; wisq sogħbien li domt ma weġibtkom u għalhekk nitlobkom li tagħdruni. L-ewwelnett ħallini nifirħilkom tal-ħsieb u x-xogħol sabiħ li qbadtu sa biex tâtu lill-kitba tal-lsien malti għamla ta' *ortografija* waħda u talqjies. Dana (jekk fhimt sewwa) kien l-ewwel ħsieb li għalih inkiteb dan il-ktieb. Taħt din il-bixra din il-biċċa xogħol deherli li ħarġet tajba tas-sew. Għâd jonqos għalkemm xi ħaġa żgħira biex taslu fil-ħsieb li tridu u din hi li għal kull leħen twieġeb dejjem l-*istess* ittra u dejjem dik l-ittra *waħda*. Hekk nara illi l-"*'ajn*" hi mfissra b'żewġ egħliem ta' *għ* li kifinhuma t-tnejn jistgħu xi minndaqqiet iġibu t-taħwid fis-suriet tan-*nom* u tal-*verb* imnisslin minn egħruq bħal ma huma ta' *ġaħad* u *qaħaf*. Jonqos ukoll li wieħed ifisser b'egħliem oħra l-ilħna kollha ta' nisel ieħor bħala għerq il-kelma. Għaliex trid tbati biex tintebaħ binnisel tal-kelma mita l-erba' konsonanti tan-nisel: DÂL, DŻÂL, DHŻÂ u DHAD jidhru lkoll D; inkella, bil-maqlub, li tara l-GĦAJN imħaxxna (enfatica) imfissra daqqa biż-żewġ ittri *għ* u daqqa b'*ħ* biss. Imma ta' dana kollu l-iżjed li jistgħu jâtu l-fehma tagħhom, ngħidu aħna l-aħjar imħallfin, huma intom li titħaddtu u tisimgħu jitkellem lill-poplu d-djalett Malti li għandu leħnijiet tiegħu. Jekk tas-sew dawk il-konsonanti—li ma għandhomx nisel wieħed fil-kliem malti—għandhom dak l-istess leħen, imwaħħad sewwa sew kif jinħass, inti għamilt tajjeb li tajt lil dawn il-konsonanti għelm jew sura ta' ittra waħda fit-

tifsir tagħha bil-kitba maltija: *ortografija* li twieġeb għall-ħoss li joħroġ mill-fomm, bħal ma ngħidu aħna fil-biċċa l-kbira jsir fit-Taljan li fih tinsab *ortografija* li timxi fuq il-leħen u li għalhekk hija aħjar minn dik l-oħra li timxi fuq in-nisel tal-kelma, kif iktarx hi dik tal-Franċiż u ta' l-Ingliż Għalhekk wara li toqgħod tifli tajjeb u tiġbor kollox ma' kollox, issib, kif għandi naħseb jiena, li inti fir-réguli li tajt wasalt biex għamilt l-aħjar ħaġa li wieħed jista' jagħmel biex għaqqadt is-sura tal-kitba maltija. Ħallini nistqarrlek ukoll illi ma rnexxilix li naqbad sewwa għal liema konsonanti tal-Għarbi *klassiku* twieġeb il-*g* ta' l-Alfabet Malti, jekk hux għall-*ĠÎM* masrija inkella għall-*QÂF* bedwina.

Ma fadallix ħlief inroddlok mill-ġdid il-ħajr tiegħi u narġa' nixtiqilkom minn qalbi risq tajjeb u sħiħ biex il-lsien Malti jiġi l-quddiem. Nitolbok fl-istess ħin li tfisser għalija dan kollu lill-"*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*".

Tiegħek fl-isem ta' Kristu
Patri ALBERTO VACCARI

Lis-Sur Ant. Cremona,
13, Sda. Reale,
Sliema (Malta)

(*Mit-Taljan*).

---

TAGĦRIFA. Il-Patri Ġeżwita Alberto Vaccari huwa Professur ta' l-Ilsna Semitiċi. Fost ix-xgħolijiet tiegħu huma magħrufin "*L'Arabo Scritto e l'Arabo Parlato in Tripolitania*" (*Il-Għarbi miktub u l-Għarbi mkellem fl-art ta' Tripli*). "*Il Pentateutico tradotto dall'Ebraico* da *Vaccari Alb. Scarbo F.* ed altri. (*Il-Bibbja maqluba mil-Lhudi minn Vaccari Alb. Scarbo F* u oħrajn).

* * *

Malta, Sliema,
24 ta' April 1925.

Għażiż Professur,

Billi kelli x'nagħmel se nwieġeb l-ittra tiegħek tad-29 taxxahar li ħareġ b'daqxejn ta' dewmien.

B'għaxqa kbira ta' qalbi sirt naf li inti ħadt l-impenn li tifli x-xogħol tat-"*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*". Jiena ngħożż

u nilqa' bil-qalb il-fehma tiegħek, fehma ta' bniedem bħalek u li fik mhux nieqes it-tagħrif ta' l-ilsna semitiċi, għalkemm żammejt ruħek l-ura mita stqarrejt li ma tafx biż-żejjed bil-Malti, ilsien li kif naħseb għandu mhux ftit mid-djaletti semitiċi li inti taf. Id-dmir tal-*Għaqda*, kif inti għaraft tajjeb, kien dak li jâti lill-Malti "kitba mibnija fuq in-nisel tal-kelma u l-grammatka ta' l-istess ilsien, għalkemm dejjem fuq dak ukoll li jroddu r-réguli tal-*fonoloġija* fl-istess ilsien" u minnħabba din l-aħħar ħaġa li l-Malti iktarx insibu li jitbiegħed mill-Għarbi letterarju u mid-djaletti l-oħra li jagħmlu minnu, kif bilġri wieħed jista' jieħu mir-*réguli* ta' l-ewwel taqsima u tat-Tieni Taqsima taħt ir-ras "*Tibdil fil-leħen tal-konsonanti li jixxiebhu*" paġ: 87 kif ukoll taħt l-aħħar ras "*Tifsir ieħor fuq l-Alfabet*" paġ: 114, l-iktar mill-par: (3) u (4) paġ: 118 tat-*Tagħrif*". Il-għelm *għ* hu wieħed minn l-ittri l-iktar mexxejja fil-kitba maltija biex ifisser il-leħen mill-gerżuma tal-GħAJN jew 'AJN, għelm li ilu minn l-1600 jekk mhux qabel, irrid ingħid minn l-ewwel *ktîb* tal-Malti li writna mill-Kittieba Maltin fuq il-kitba ta' oħrajn Sqallin u Taljani, kif wieħed jista' jara u jqabbel fil-kitba Għarbija b'ittri Rumani, magħmula minn dak iż-żmien mill-għorrief ta' l-ilsna simitiċi fi Sqallija u fl-Italja. Għalhekk il-*għ* għall-GħAJN hija waħda minn l-ittri li l-lum rabbiet l-egħruq bil-jedd li ħadet fil-kitba maltija u li għalhekk ix-xirka tagħna kellha tibqa' żżomm biex ma tħassarx ix-xogħol tagħha. Xirkiet oħra bħal tagħna, bħax-Xirka Xemïa, kif ukoll kittieba ta' grammatki u ta' dizzjonarji, bħal Vassalli u bħal Falzon, kienu tħabtu—imma għalxejn—biex ibiddlu l-*għ* ma' xi għelm ieħor jew ittri oħra li jaqblu iżjed ma' dak li trid is-sengħa, jew ngħidu aħjar ma' l-Alfabet Fonetku. Skond il-bidu u l fehma li wrejna l-Alfabet fonetku tagħna kif ukoll bit-*Twissija* li tajna paġ: III. tat-*Tagħrif*, il-leħen ta' *għajn* għandu jiftiehem illi hu mfisser b'żewġ ittri magħqudin f'waħda, egħliem li jidher għaż-żewġ *għajn* tal-Għarbi li fil-Malti iktarx jinsemgħu f'leħen wieħed ta' għajn ħafifa, leħen magħżul fin-nisel, minn dak ta' Ħ. Skond ir-régula paġ: 89 No. 55, il-*għajn* Għarbija xi minndaqqiet, fil-kitba maltija, mita l-kelma tissawwar, tieħu l-leħen ta' *ħ* li ma jitbiddilx eż: *maħfra* flok *magħfra*, *mġewħin* flok *mġewgħin*. *maħsul* flok *magħsul*. Fil-kelma *gaħad=ċaħad*, il-malti jimxi mal-għerq ewlieni tal-kelma u għalhekk ifisser il-leħen ta' Ħ bil-għelm ta' *ħ* u mhux ta' GħAJN. Il-*għ* tinħass *ħ* f'tarf il-kelma mita din l-ittra għandha qbilha vokali bl-aċċent. eż: *merfûħ maqtûħ*, imma tinkiteb *merfugħ*, *maqtugħ*, skond il-għerq tal-kelma, il-għa-

liex mita dawn il-kelmiet jidhru f'suriet oħra jinħassu bil-leħen tal-*għajn*. eż: *merfugħin*, *maqtugħin*. Qabbel paġ: 88 u wara: kif *bieb* u mhux *biep*, il-għaliex inbagħad ngħidu *bibien*.

Tibdiliet oħra fl-ittri ta' għerq il-kelma, bħal dawn li semmejt qabel, isiru wkoll fl-ittri *â* u *għ* li fit-tiswîr tal-kelma jitbiddlu fil-leħen ta' *w* u *j* Eż: *kiel* (*kâl*) *kûl*, (*Sar*) *nsîr*, *samagħ Smajna*, Tarġa: *Sâm*, *sawwam*, *târ tajjar* (Ara paġ: 27. *L-ittri J u W* etc. u paġ: 36. No. 5. TAGHRIF). Fuq it-twaħħid tal-leħnijiet DZÂL DHZA, THA u DHÂD fil-leħen ta' D u xi minndaqqiet ta' T, nitolbok tara dak li għedna f'paġ: 118 (4) tat-*Tagħrif*.

L-ittra *g* fil-Malti (inti bla dubju trid tgħid għall-*ga* taljana) f'dawk il-kelmiet imnisslin mis-semitiku twieġeb iktarx għall-*k* tal-Għarbi letterarju li fil-Malti tieħu l-leħen ta' *ga* imħabba xi kons: oħra (fil-kelma) li tixbahha u li tbiddlilha l-leħen u tagħmlu qawwi bħal tagħha kif urejna fil-paġ: 88. T. ċ, imma dejjem taħt ir-régula 55. Eż: *Germed* flok *kermed*, *giddieb* flok *kiddieb*. Hekk ukoll : *Gżira* flok *ġeżira*. Ngħidu *ġidi* kif ukoll *gidi* (*għidi*). Hekk il-*ġ* xemija tieħu wkoll il-leħen ta' *q* fil-kelma *moqdief* flok *muġdief*, kif ukoll ta' *ċ* fil-kelma: *ċaħad* (*ġaħad*) billi l-*ħ* trattab il-leħen ta' *ġ* u tagħmlu *ċ*.

L-ittra *x* dlonk issir *ċ* Eż: *Ċarrat*, *ċarċar* flok *xarrat*, *xarxar* etc. Għadd kbir ta' kliem malti illi fih tidħol il-*ga*, kif ukoll l-ittri barranin *ce-pe-ve-za* (tsa) jixhdu li huma mnisslin mit-Taljan jew minn l-Isqalli..........................................................
..........................................................................................................

Bil-qima kollha
tiegħek
A. CREMONA

Lil-wisq magħruf Professur
Patri ALBERTO VACCARI,
Ruma.

(*Mil-Taljan*).

« JEKK MA TAFX ILSIEN PAJJIŻEK
LSIEN MIN TAF, ILSIEN QADDISEK ! »

# IT-TALLABA.

## (MINN TA' MATILDE SERAO)

(*Jaqbad fuq il-għadd ta' qabel*)

Kienet tismagħhom igħidu li 'l fuq mit-triq «taż-Żebbiegħa», 'l fuq miċ-«Ċerrilju», f'tarf it-triq *Principessa Margherita*, hemm dinja oħra: imma hi kienet tibża' tittarraf, kienet wisq grixtija! Isfel, fis-Suq, ukoll kienet tibża' mit-tlaleb l-oħra li kienu jsawtuha, mill-klieb li kienu jigdmuha, mill-pulizija li kienet tista' tħarrikha; iżda hi kien jilħqilha u kienet teħles mit-tiġrib ħeluħelu. It-tiġrib tan-naħħa l-oħra, ta' hemm fuq, ma kinetx taf xinhu. Mita kienet tasal hemm, kienet tâti daqqa ta' għajn minn taħt-il-taħt u kienet taħrab b'rasha moħbija ġo idejha: kienet tistħajjilha li xi ħadd q'ed iheddidha, jew jiġri warajha.

Kienet titlob il-karità iżda mhux dejjem kienet taqlagħha. Dawk in-nies ħabrieka biex jaqilgħu l-ġurnata ħażin-ħażin, nies tal-ħwienet moħħom biss kif igħaltu lix-xerrejja, reffigħa mgħawġa taħt it-tagħbija tqila ta' fuq darhom, qaddejja maħmuġa u mqattgħa ċraret, ħadd biss ma kien jerfa' ħsiebha. Xi *galantom* li jkun għadu kemm ħareġ mill-ħabs, kien jeħodha b'ħalliela, għalhekk kien ifittxilha fi bwietha u jgħidilha f'widnejha xi kelma mhix xierqa. Xi wħud, libsin tajjeb, iżda fqajrin, kienu jħarsu, lejha u jkemmxu xuftejhom. Oħrajn kienu jistmerru jħarsu biss lejha, għalhekk kienu jkeċċuha bis-saqajn. Mita kienet tmidd idha għall-karità kienet titlobha b'leħen għoli, bil-kemm mhux bil-jedd: "sold biex nitrejjaq, ili ma niekol mill-bieraħ". L-istonku battal kien iġagħalha titlob hekk: inbagħad kienet tbaxxi leħinha, tibda tħanninha, jaqbżulha d-dmugħ li jxarbulha ħaddejha. Kienet tkompli tmur u tiġi, tgemgem sakemm leħinha jinħonoq ġo griżmejha niexfa qoxqox: inbagħad kienet titlob il-karità bil-leħħa ta' għajnejha. F'inżul ix-xemx, mita ma kienu jatuha xejn, mita ebda qalb ħanina ma kienet tinsab għaliha, kienet tintelaq għaxja, rasha tibda ddur biha, kienet titkarkar sat-taraġ tal-knisja ta' "Portanova" u kienet tibqa' hemm bla ma titħarrek, imkebba bħal sorra ħwejjeġ, mnejn ta-kulltant kienet toħroġ karba li taqsam il-blat samm.

Tarġa tqum biex iddur darb'oħra qalb id-dawl tal-fanali li kienu q'ed jinxegħlu, fost il-ħaddiema li kienu sejrin lejn djarhom, u l-irwejjaħ ta' l-ikel li kienu ħerġin mill-ħwienet im-

bexxqa. Bi tbatija irnexxilha tlaqqat ħabbtejn, loqma ħobż, biċċa għadma ta' kustilja, u nitfa kirxa, telqet tiġri biex tikolhom bħal şerduk għama, weħlulha fi griżmejha u baqgħulha fuq l-istonku. Kienu jiġu xi ġranet li ma kienet tiddobba xejn, għalhekk kienet torqod f'telqa tal-mewt, fl-istonku tagħha ma tkunx daħħlet għajr qxur tal-larinġ imħassar, jew tkun magħdet l-imżiewet vojta tal-piżelli.

Is-Sibt kien ikun l-aħjar jum għaliha: nhar ta' sibt, mara żagħżugħa, bil-maktur tal-ħarir ma' dwar għonqha, bid-dublett qasir u meħmuż 'il fuq minn qaddha, bil-papoċċ takkun għoli, biċ-ċfuf ħodor, bil-moxt tal-fidda mwaħħal fil-quċċata tat-toppu jleqq bil-mantikilja, b'ħaddejha miżbugħin bl-aħmar, kienet tatiha sold. Din iż-żagħżugħa aktarx li kienet toqgħod poġġuta malkoxxa tal-bieb, b'idejha fil-bwiet tal-fardal, tħares fil-vojt, ta' bixla bhelenija, tgħanni minn taħt il-lsien minn fil-għodu sa fil-għaxija għanja ta' swied il-qalb:

" Li kien jiġi mqar x'joħodni,
U jeħlisni mit-taħbit......
Uff kemm xbajt minn din il-ħajja,
Q'ed nintemm bil-ftit-il-ftit !

Bosta drabi, ma' tulek ja jum, it-tifla kienet tgħaddi minn biswitha; imma nhar ta' sibt biss l-oħra kienet tatiha s-sold: dan kien għal xi ħames jew sitt xhur. Inbagħad dik il-mara ma dehritx aktar. Xeħtuha, jew inxeħtet ġol-bir ! Min għela għaliha l-iżjed ?......it-tallaba !

(*It-tmiem għall-ħarġa li ġejja*)

**Ġużè Micallef Goggi.**


TINSIEX LI GħANDEK TIXTRI IL-KTIEB

" IL-GŻEJJER TA' MALTA
U L-ĠRAJJA TAGħHOM "

Tal-Prof. Temi Żammit

**1/3** minn għand il-librari kollha.

# KIF BDIET U MXIET IL-GĦAQDA

(*Jissokta ma' ta' qabel*)

IT-TIENI KUMITAT.

Fil-laqgħa ta' l-imseħbin tat-13 ta' Mejju 1923 saret il-ħatra tal-Kumitat il-ġdid.

Żdiedu 3 Viċi-Presidenti: l-Onor Senatur Mons. Pawl Galea J.C.D; l-Avukat A.V. Laferla u l-Avukat L. F. Mizzi.

Il-Kumitat baqa' bħal ta' qabel b'din it-tiswija żgħira. Is-Sur Turu Mifsud sar Viċi-President, is-Sur G. Darmanin Demajo sar Kaxxier u daħal ġdid is Sur Ġinu Muscat-Azzopardi.

L-ISTAMPA TAL-GRAMMATKA.

Wara tliet snin xogħol, il-Ktieb tal-Grammatka tlesta għal l-istampa. Ix-xogħol tiegħu kien f'idejn is-Sur Nin Cremona.

Iżda l-Għaqda ma rnexxilhiex tiġbor il-flus li kienu jinħtieġu għal l-istampa tiegħu.

Is-sur Turu Mifsud, Membru tal-Parlament u Viċi-President tagħna, talab kemm-il darba lil Gvern biex igħin 'ill-Għaqda għal l-isampa tal-Grammatka u fil-laqgħa tal-Parlament tat-22 ta' Novembru 1923 saret taħdita fuq mozzjoni li kien għamel hu, fejn fiha l-Gvern wiegħed li jistampahielna.

Il-Grammatka damet tistampa ruħha xi ftit inqas minn sena u rnexxiet xogħol sabiħ tassew li għalih il-Għaqda qalgħet tifħir minn bosta għorrief kemm ta' Malta u kemm ta' Barra.

Bil-ħruġ ta' dan ix-xogħol, tista' tgħid li bdiet tidher il-ħajja tal-Għaqda.

(*Jissokta*)


Mur għand

**CRITIEN TAL-KOTBA**

34. SDA. REALE, VALLETTA.

u ixtri IT-TAGħRIF tagħna Jinbiegħ 10 soldi

u XINHU L-MALTI SAFI Jinbiegħ 3 soldi.

# IL-MALTIN TA' BARRA.

I.

GRUPPO FILODRAMMATICO MALTESE
DI CAIRO
2, Piazza Bab el-Hadid
Cairo Egitto 25 ta' Awwissu 1925.

Lill-Wisq Magħruf Sinjur
Kav. G. Muscat-Azzopardi
President tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*
MALTA

Preġjatissimu Sinjur,

Il-Kumitat tas-Soċjetajjiet taħt imsemmija, ħatru lili sabiex natik is-sabiħa aħbar li huma, magħqudin fl-imkien, iddiċedew li jaħtru Lilek bħala PRESIDENT ONORARJU tagħhom u dan b'xhieda tal-kbira qima li għandhom Lejk għall-ħeġġa li dejjem urejt u għal l-imħabba li dejjem ġibt lil-Lsien Nazzjonali tagħna: IL-MALTI.

Il-Maltin ta' Barra ma jħallu l-ebda okkasjoni taħrab sabiex juru r-rikonoxxenza tagħhom għal dawk li jaħdmu tassew u minn qalbhom—u bla ebda interess persunali—għall-kobor ta' pajjiżna, u għalhekk ħatru Lilek bħala President Onorarju ta' għaqdiet li l-iskop tagħhom hu t-tixrid tal-Lsien Malti, għax fik jammiraw il-Bniedem li verament iħobb lil l-Art twelidu għax qatt ma naqas li juri l-imħabba għall-VERU LSIEN TAGħNA.

Nittamaw li din il-ħatra tiġi minnek milqugħa, u fil-ħin li minn qalbna għalik insellu u nixtiqulek ħajja twila u ta' hena sabiex tissokta tkabbar il-ġieh ta' Malta tagħna billi tkompli xxerred, bil-kitba tiegħek ta' kbira fejda, lil-Lsien Tagħna, għodna dejjem bl-ammiraturi tiegħek,

Għas-Soc. Filod. taħt imsemmija
A. NICHOLAS
*Segretarju*
*Grupp Filodram. Malti*

Grupp Filodrammatiku Malti tal-Kajr.
Società Filodrammatika "L'*Indipendenza*", Port-Said.
Società Filodrammatika "*Concordia*", Port-Said.
Filodrammatika tal-"*Komunità Maltija*" Suez.

II.

Il-President tagħna laqa' bil-qalb kollha din il-ħatra għax ra li ġiet magħmula lilu, b'ġieħ kbir tal-lsien Malti, bħala wieħed li dejjem ħadem għat-tixrid u għall-ġieħ tal-lsien Malti. Din il-ħatra turina biċ-ċar kemm hu għażiż għall-ħutna ta' Barra dal-lsien li, b'għajb kbir tagħna, hu mżeblaħ minn xi wħud minna.

# INWISSU

—Ma nistgħux ingemgmu: l-imsieħba fil-Malti qegħdin jiżdiedu: għandna xi żewġt iħbieb li qegħdin iħabirkulna tassew u aħna nіżżuhom il-ħajr. 'K Alla jrid, mis-sena d-dieħla jew nibdew noħorġu l-Malti iżjed minn erba' darbiet, jew inżidulu fil-għadd tal-faċċati, u dana—niftiehmu—bl-ISTESS ĦLAS. Biss irridu xi ftit imsieħba oħra: jekk kull wieħed minnkom isibilna ieħor, irġiel aħna: u fl-aħħar minn l-aħħar, lilkom jiswa għax inkabbru iżjed il-Malti. Xi ħadd qiegħed nisimgħu jgħid: «u jien sejjer noqgħod inseffaq wiċċi.....», lê, xejn minn dan: ara, uri dan il-għadd tal-Malti lil kemm-il ħabib għandek u tibżâx, huma stess jistaqsuk kif jagħmlu biex jissieħbu, għax jogħġobhom żgur. MELA URI L-*MALTI* LILL-ĦBIEBEK!

—Qrajna dak li kiteb il-ħabib tagħna G. Galea «*Għall-ġieħ tal-Malti*» fil-*Ħabib* tal-25 ta' Awwissu u ma hemmx bżonn ingħidu li għoġobna. Hemm bżonn li ssir xi ħaġa u tinġabar darba għal dejjem il-*letteratura maltija*.

Jekk jinsab bniedem ħabrieki li jindaħal għax-xogħol u *responsabbiltà* ta' l-imseħbin, aħna lesti biex nagħmlu kemm nistgħu biex niġbru u noħorġu l-*letteratura maltija* kollha, f'faxxikoli, li dawn, inbagħad, ikunu jistgħu jinġabru u jillegaw irwieħhom ktieb, ktieb skond ta' liema awtur jew klassi jkunu.

Tkun biċċa xogħol tassew sabiħa u ta' ħtieġa liema bħalha għall-ġieħ tal-Malti.

—Jisogħbiena li kellna nħallu barra—mħabba fil-wisa'—ħafna kitba, fosthom tal-Prof. Temi Zammit fuq il-*Katakombi* u poëżija sabiħa fuq il-*Qamar* tas-Sur Viċenz Mifsud Bonici. K-Alla jrid, naraw hom fil-Għadd li ġej. Saħħa.

Stampât fl-Empire Press.